MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Numru 998/2008

Il-Pulizija
(Spettur Graziella Muscat)

vs

Abdullahi Jimali Hassan

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur tan-numru tal-pulizija 07DDD-020 akkuzat talli:

1. nhar l-14 t'Ottubru 2008 gewwa l-Marsa u, jew fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer ghamel ingurji fuq il-persuna ta' WPS 209 Rachel Caruana, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet qed taghmel dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghha jew li jinfuliwixxi fuqha kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz,

2. bl-imgieba tieghu ikkaguna lil WPS 209 Rachel Caruana, WPC 89 Mariella Spiteri u WPC 256 Lianne Sant jibzghu li se tintuza vjolenza kontrihom,
3. irrifjuta li jaghti lill-ufficcjal pubbliku cioé lil WPS 209 Rachel Caruana, waqt il-qadi ta' dmirijietha, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra,
4. ghad illi kien xurban, qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti, ghalhekk offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika,
5. m'obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' persuna inkarigata minn servizz pubbliku cioé WPS 209 Rachel Caruana jew li ma hallijhiex jew fixkilha waqt li kienet qed taghmel id-dmirijiet taghha,
6. minghajr ma darab jew sawwat qabad arma, cioé flixkun kbir tal-hgieg kontra WPS 209 Rachel Caruana, ufficjal pubbliku,
7. ghamel ingurji kontra WPS 209 Rachel Caruana, WPC 89 Mariella Spiteri u WPC 256 Lianne Sant.

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija WPS 209 Rachel Caruana, WPC 89 Mariella Spiteri u WPC 256 Lianne Sant, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Ezaminat ix-xhieda prodotti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Fil-gurnata u hin tal-akkuza l-akkuzat gie osservat isuq rota b'manjiera perikoluza ghalih u l-utenti ohra ossija vetturi li kienu dak il-hin qed jittransitaw it-triq. Dana sehh gewwa l-Marsa. Dan il-fatt gie osservat mill-Pulizija li kienu fuq ronda u deher wisq ovvju li l-akkuzat kien xurban.

Illi l-akkuzi migjuba kontra tieghu jippotizzaw offizi bi ksur tal-Artikolu 95, 251(1), 338(g), 338(bb), 338(ee), 339(b), 339(e) tal-Kap 9.

Illi ghal dawn l-akkuzi l-akkuzat irregistra ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizzjonata. Hemm ukoll l-istqarrijiet tieghu rilaxxjati lill-Pulizija li fihom l-istess akkuzi huma ammessi.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni tal-akkuzat wara li rat l-Artikolu tal-ligi fuq citati flimkien mal-Artikolu 17 u ikkunsidrat l-assorbitament ta' xi whud mill-offizi ma' xulxin, tiddikjara l-akkuzat hati u tikkundannah xahrejn prigunerija bit-tnaqqis ta' kull zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv.

Tastjeni li tapplika xi provediment taht l-Artikolu 412(c) tal-Kap 9 stante li mhix qeghda tirrijavvisa ragunijiet motivati biex taghmel dan.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------